- ***DIZABILITA' PERMANENTI –***
- ***PERSUNA LI GHADDIET BORD -***
- ***- ARBITRIO BONI VIRI -***
- ***ARTIKOLU 1045 TAL-KAP 16.***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Marzu 2002**

**Kawza Numru: 24**
**Citazzjoni Numru: 755/00/RCP**

**Francis Farrugia**

**vs**

**David Darmanin**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur fil-31 ta' Ottubru 1999 kien qed isuq il-mutur numru FAT 363 fil-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia meta gie investit mill-konvenut li fetah il-bieba tal-vettura tieghu numru AAC-312;

Illi l-attur sofra minhabba f'dan danni fil-vettura imsemmija u ukoll disabilita' permanenti kif jirrizulta mill-anness Dok A;

Illi l-attur interpella inutilment lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni,

L-istess attur talab li l-istess konvenut jghid ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u d-danni konsegwenzjali kagunati lill-attur, kompriz minhabba d-disabilita' li sofra;

2. Tillikwida dawn id-danni u

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol.8 tal-process fejn gie eccepiet:-

(1). Illi in kwantu jirrigwarda responsabbilta' ta' l-incident in kwistjoni l-esponenti qed jaccetta responsabbilta' ta' l-incident, pero' in kwantu jirrigwarda il-likwidazzjoni ta' danni fil-mutur ta' l-attur l-eccipjenti m'huwiex f'posizzjoni li jivverifika jew jikkontrolla l-*quantum* billi, l-attur qatt ma ikkwantifika l-pretenzjoni tieghu u f'dan is-sens l-azzjoni odjerna hija ghalhekk intempestiva u m'ghandu ibaghti ebda spejjez, u

(2). Illi bla pregudizzju ghall-premess, in kwantu ghal reklamar ta' danni ta' feriti, dana ma jirrizulta minn imkien li l-istess attur sofra xi feriti u wisq anqas xi dizabilita' permanenti, tant li fir-*Road Accident Report* ma hemm indikat ebda feriti jew korriment u ghalhekk f'dan ir-rigward it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.9 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2000 fejn gie nominat il-Perit Mediku Mr.Frederick Zammit Maempel biex jezamina lill-attur;

Rat ir-rikors tal-attur fejn irrileva li l-Perit Mediku nominat mill-Qorti kien ezamina lill-attur privatament u kwindi talab li jigi sostwit. Il-Qorti laqghet it-talba u ssostitwiet lill-espert mediku billi nnominat lil Mr.Charles Grixti bl-istess inkarigu tad-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Gunju 2000;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Ottubru 2000; tal-10 ta' Jannar 2001; tat-8 ta' Marzu 2001; tal-1 ta' Gunju 2001 fejn il-Perit Mediku Mr.Charles Grixti halef ir-rapport; tas-17 ta' Ottubru 2001 fejn xehed Francis Farrugia. Dr.Azzopardi ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut u trattazzjoni finali ghall-4 ta' Dicembru 2002; u tal-4 ta' Dicembru 2001 fejn il-konvenut u Dr.Ivan Gatt imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa stante li la deher u lanqas ressaq provi minkejja l-verbal tas-17 ta' Ottubru 2001. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>A. Azzjoni Attrici.</u>

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li gara fil-31 ta' Ottubru 1999 f'Birzebbugia  fejn il-konvenut li kien qed

isuq il-mutur Reg. Numru FAI 363 gie nvestit mill-attur li allegatament fetah il-bieba tal-vettura tieghu Reg. Numru AAC 312, u b'konsegwenza t'hekk l-attur sofra danni fil-vettura kif ukoll disabilita' permanenti. Kwindi l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli tal-istess incident u danni, u jigi kkundannat ihallas id-danni likwidati lilu, inkluz dawk sofferti minhabba d-dizabilita' permanenti tal-attur kawza tal-istess incident.

Illi l-konvenut qed jaccetta r-responsabilita' tieghu tal-istess incident. Illi pero' in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni ta' danni fil-mutur mhux f'posizzjoni li jivverifika jew jikkontrolla l-*quantum* billi l-attur qatt ma kkwantifika l-pretenzjoni tieghu u f'dan is-sens qed jeccepixxi li l-azzjoni odjerna hija intempestiva u m'ghandu jbati ebda spejjez. Inoltre' bla pregudizzju eccepixxa illi ghal dak li jirrigwarda reklamar ta' danni ta' feriti, ma jirrizulta minn imkien li l-istess attur sofra xi feriti tant li fir-*Road Accident Report* dan ma jirrizultax.

## B. RESPONSABILITA' TAL-INCIDENT.

Illi rigward l-incident in kwistjoni, il-konvenut jaccetta r-responsabilita' tieghu u kwindi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fuq dan il-punt.

**C.LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.**

Illi jirrizulta li l-istess attur kellu hamsin (50) sena meta sehh l-incident u tenut kont tal-**artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jipprovdi li :-

*"Peruna responsabbli ghandha twiegeb* (inter alia) *ghat-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib."*

Illi fl-**artikolu 1045(2)** tali *"somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u l-grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Illi din il-Qorti, kif presjeduta, diga' kellha hafna okkazzjonijiet fejn irreferiet ghall-principji li jirregolaw dan l-istitut, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **"Darren Sammut vs Eric Zammit" (Cit. Nru: 915/96/RCP deciza fid-29/11/2001).** Illi kif intqal f'dik l-istess sentenza :-

*"Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudni wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-*

*applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat."*

Illi skond Mr. Carmel Apap Bologna MD FRCS FRCSE l-attur kien qed isofri minn disabilita' permanenti ta' 4 %. Illi skond l-espert mediku nominat mill-Qorti Mr. Charles J. Grixti M.D. F.R.C.S. l-attur *"sofra brix u ticriet fil-koxxa, is-sieq u l-pala xellugija kagun ta' l-accident li kellu fil-31 ta' Ottubru 1999".*

*"Dawn il-griehi fiequ tajjeb u ma ghandhom l-ebda effett fuq il-funzjoni tas-sieq ix-xellugija jew il-gogi ta' madwarhom.*

*Il-marki li hallew il-griehi hallew kemxejn ta' tebgha maghhom".*

*Minhabba dan jien nistma' d-dizabilita' li sofra Francis Farrugia kagun ta' l-accident li kellu fil-31 ta' Ottubru 1999, ta' 1%(wiehed fil-mija)."*

Illi qabel ma jigi kkalkolat l-ammont li huwa dovut in linja ta' danni lill-attur jehtieg jigi rilevat illi skond kif irrizulta mix-xhieda ta' l-attur innifsu illi xogholu kien ta' *"steel erector"* pero' ghadda *board* u ma baqax jahdem. Infatti qed jircievi l-pensjoni tad-*disabled*. Huwa xehed li jircievi mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm141) fix-xahar.

Illi b'hekk f'dan il-kaz tinqala' d-diffikulta tal-*multiplier* li jigi kkalkolat a bazi tal-*working life expectancy* tal-individwu.

Infatti hawn hekk issir refrenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Maria Agius vs Herman Bezzina**" (P.A. 20 ta' Mejju 1996). F'dak il-kaz is-sitwazzjoni kienet ftit differenti mill-kaz odjern. Qabel l-incident l-attrici kienet *disabled* u ma kienitx tahdem bi qliegh. Bhala rizultat tal-incident, spiccat tiddependi fuq terzi persuni ghall-bzonnijiet kollha taghha. Il-Qorti nnotat li f'cirkostanzi normali, l-attrici kienet tkun intitolata ghal danni sostanzjali. Pero` l-Qorti kkumentat hekk:

*"Izda fil-kaz in ezami, tenut kont il-kundizzjoni tal-attrici antecedenti l-incident w il-fatt li din la soffriet u lanqas sejra ssofri riduzzjoni fl-income futur taghha minhabba din id-dizabilita`, l-Qorti hi tal-fehma li ma tistax timxi u tillikwida d-danni abbazi tal-principji enunjcati f'**Butler vs Heard** li ghal dawn l-ahhar tlettin sena kienu jigwidaw lill-gudikant fl-assessment ta' 'lucrum cessans'. Il-Qorti trid bilfors tuza' d-diskrezzjoni taghha sabiex jintlahaq bilanc bejn dak li haqqha l-attrici u dak li hu dovut jhallas l-obbligat"*.

Il-Qorti kompliet tispjega li:

*"Dawn id-danni izda jkunu qeghdin jirriflettu telf futur li dik l-istess persuna kienet ser tbati minhabba dik id-dizabilita`. Fil-kaz prezenti dan it-telf futur certament qatt ma jista' javvera ruhu".*

Illi l-Qorti hasset li l-attrici kellha tkun kompensata u b'hekk likwidata "*arbitrio boni viri*" somma rappresentanti danni futuri sofferti mill-attrici minhabba d-dizabilita` sofferta.

Illi fil-vertenza odjerna rrizulta li l-attur kien impjegat, pero` llum il-gurnata m'ghadux jahdem u qed jircievi l-pensjoni tad-*disabled*.  M'hemmx allegazzjoni li waqaf mix-xoghol b'konsegwenza tal-incident.  Kwindi huwa ma jistax isostni li se jkun hemm telf futur.  Illi madanakollu huwa ghandu jigi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jahdem. Allura jsewgi li kieku l-attur kien f'cirkostanzi normali, cioe` li jippercepixxi introjtu ekwivalenti ghal dak minimu nazzjonali, d-danni dovuti a bazi ta' dizabilita` ta' 1%, kienu jigu likwidati fl-ammont ta' Lm308 (Lm50 x 52 + Lm200 circa bonuses x 11 x 1% = Lm308).  Il-Qorti minhabba c-cirkostanza fuq spjegata tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' Lm250 bhala dik rappresentanti danni futuri sofferti mill-attur minhabba d-dizabilita` sofferta.

Illi ma dan l-ammont iridu jizdiedu d-danni bhala *damnum emergens*.  Fix-xhieda tieghu l-attur ipprezenta dokumenti – Dok "FF1" li juri l-ammont ta' hsarat sofferti fil-mutur tieghu kienu jammontaw ghal Lm36.77;  kif ukoll Dok "FF2" li juri l-ammont ta' Lm17.17 rapprezentanti x-xiri ta' medicini minn spizerija lokali.  B'hekk l-ammont globali ta'

*damnum emergens*, liema ammont mhux kontradett mill-konvenut, huwa ta' Lm53.94.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-intempestivita` ta' l-azzjoni attrici minhabba li l-attur qatt ma kwantifika l-pretensjoni tieghu, din ghandha tigi michuda stante li ma ngabu l-ebda provi f'dan ir-rigward min-naha tal-konvenut.

Illi konsegwentement is-somma dovuta lill-attur in linja ta' danni hija (Lm250 + Lm53.94) ta' Lm303.94 li din il-Qorti qed tarrotonda ghal tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310).

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut rigward il-kwistjoni ta' responsabilita' tal-incident u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u d-danni konsegwenzjali kagunati lill-attur, komprez minhabba d-dizabilita` li sofra;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310).

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310) hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta’ Marzu 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**21 ta’ Marzu 2002**